# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 193/2013**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Farrugia**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Adrian Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 526881(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli matul dawn l-aħħar tliet snin, u ċioè qabel is-17 ta' Jannar 2010, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mill-imħażen tas-soċjeta' Antonio Piscopo Ltd., fi Triq Jean De La Valette, San Pawl il-Baħar:

1. ikkommetta serq ta' merkanzija, konsistenti f'laħam iffriżat (*fillet*) kif ukoll għadd ta' *hampers*, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-ħin u li sar għad-detriment tas-soċjeta' Piscopo's Cash & Carry Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2013, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni tas-serq miġjuba fil-konfront tiegħu, bl-aggravji biss tal-persuna u tal-valur, u kkundannatu perjodu ta' sentejn priġunerija liema perjodu, b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie sospiż għal żmien erba' snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza u, wara li rat Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu jħallas lis-soċjeta' Piscopo Cash and Carry jew xi wieħed mid-diretturi tagħha s-somma ta' tnejn u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€22,393.04) fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2013 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tilqa' l-ewwel aggravju u tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tingħata sentenza skont il-liġi;*

*2. Alternattivament [u jekk tqis li kien hemm liberatorja miż-żewġ kwalifiki ta' ħin u tal-mezz li jaggravaw l-imputazzjoni ta' serq] tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn ġie liberat mill-aggravji tal-ħin u tal-mezz [presumibilment], tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija fejn ġie misjub ħati tal-imputazzjoni ta' serq iżda kwalifikat biss bil-valur u bil-persuna u fejn ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi u fejn ġie ordnat a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 sabiex fi żmien sitt xhur iħallas lis-soċjeta'*

*Piscopo Cash and Carry s-somma ta' €22,393.04 u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena;*

*3. Alternattivament tvarja tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha dik il-parti fejn ġie misjub ħati ta' serq ikkwalifikat bil-persuna u fejn ġie [presumibilment] meħlus mill-aggravji tal-mezz u tal-ħin, tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur u fejn ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi u fejn ġie ordnat a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 sabiex fi żmien sitt xhur iħallas is-soċjeta' Piscopo Cash and Carry s-somma ta' €22,393.04 u minflok tilliberah mill-aggravju tal-valur u konsegwentement tirrevoka l-ordni għall-ħlas magħmul a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 u tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza preliminari fl-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 366 *et seq.*), f'liema sentenza l-Qorti msemmija ċaħdet l-ewwel aggravju tal-appellant.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant u l-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali għamlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' April 2013.

Illi apparti li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li ser isiru konsiderazzjonijiet dwarhom hawn taħt għandu jingħad li fis-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Ottubru 2023 l-appellant talab li d-dikjarazzjonijiet rilaxxati minnu u kwalunkwe dikjarazzjoni li toħroġ minnhom u li l-Prosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti ghamlu riferenza ghalihom għandhom jiġu kkunsidrati bħala inammissibli u ma għandhomx jingħataw valur probatorju. Jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja et**.

Illi kif diġà ngħad aktar 'il fuq fl-20 ta' Mejju 2015 din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza li biha ċaħdet l-ewwel aggravju tal-appellant. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlieta mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dana peress li skont hu l-provi mressqa ma jlaħħqux il-grad ta' prova li titlob il-liġi. Jgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda *unsafe and unsatisfactory* kemm dwar is-serq kif ukoll dwar l-ammont. Jargumenta li l-proċeduri bdew wara informazzjoni anonima li setgħet kienet intiża biex tiżvija kemm lid-derubati kif ukoll lill-Pulizija. Jgħid li provi indizzjarji għandhom ikunu aċċettati bħala bażi ta' ħtija jekk huma univoċi. Jisħaq li l-Ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni tad-derubati meta dawn qalu li hu kien ammetta xi serq għalkemm hu dejjem ikkontesta dawn il-konfessjonijiet u qatt ma ddikjara x'kienu l-oġġetti li setgħu nsterqu. Jgħid li huwa kien konsapevoli biss li xi terz kien għamel xi serq. Jagħmel riferenza għax-xiehda ta' Tarcisio

Piscopo. Jgħid li bl-ebda mod ma kellu jirrispondi għall-ammont ta' *fillet* li nstab nieqes. Jgħid ukoll li wħud mix-xhieda kellhom interess li jippuntaw lejh. Jargumenta li kien suspettuż kif xehed Brian Galea li kien il-persuna responsabbli mill-ordnijiet u kif dan ma kienx induna li kien hemm kwantita' kbira ta' *fillet* nieqsa. Jgħid li l-ammont ta' *fillet* ma setax jinsteraq f'darba.

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija ta' serq bil-kwalifika tal-valur u għalhekk lanqas setgħet tagħmel l-ordni a tenur ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li lanqas jekk id-dikjarazzjonijiet li għamel hu jitqiesu bħala konfessjonijiet żgur li dawn ma jirreferux għas-serq tal-*fillet*. Jargumenta li bl-ordni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa jkun qed iħallas għal oġġett li nsteraq minn ħadd ieħor. Jisħaq li f'daqqa waħda kien feġġ Brian Galea u qanqal suspett li seta' kien hemm serq ta' *fillet*. Jgħid ukoll li lanqas jekk għall-grazzja tal-argument wieħed jgħid li seta' kien involut fis-serq tal-*fillet* xorta jibqa' l-fatt li żgur ma hemm ebda prova li turi li hu kien responsabbli għall-ammont kollu li rriżulta nieqes. Jargumenta li s-soċjeta' derubata kienet tħaddem diversi nies f'karigi differenti u li għalhekk ma setgħetx teskludi serq da parti ta' terzi jew żball uman f'dak li hu mmaniġġjar.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn iż-żewġ aggravji flimkien peress li huma b'xi mod jew ieħor konnessi. Dawn iż-żewġ aggravji in kwistjoni huma fuq apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet

raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** (Numru 275/2013) liema sentenza tirrigwarda l-evidenza ċirkostanzjali u fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"L-prova indizzjarja trid tkun waħda **assolutament univoka**, li **tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda**...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-*

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

> *raġuni,* ***irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċita' tagħha, ċioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skont il-liġi."***

Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija vs. Paul Grech** deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi *"l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn* ***ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reita' ta' l-imputat****."*

Anki fil-każ **Pulizija vs. James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b'"res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li* ***l-fatti – inklużi provi indizjarji – "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konklużjonijiet minn dawk il-fatti,*** *allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi,* ***bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konklużżjoni univoka u li biha il-ġudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-***

***imputat jew akkużat**...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin."*

Finalment fis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa ġie ddikjarat illi: *"L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment għall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoċi."*

Illi jekk induru fuq ġuristi Ingliżi senjatament Pollock C.B[2] l-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha ngħatat is-segwenti deskrizzjoni:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.""*

Illi mwarrba d-dikjarazzjonijiet tal-appellant li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u li l-appellant talab lil din il-Qorti kif preseduta

[2] "Criminal Evidence (3rd. Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)."

sabiex ma tieħux konjizzjoni tagħhom, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżultaw, fost l-oħrajn, is-segwenti provi indizzjarji:

- L-appellant kien għamel ċaqliq tal-*fillet* li ma kien jagħmel ebda sens li jsir. Bl-esperjenza tal-andament tax-xogħol l-appellant kien jaf li l-*fillet* jimxi bil-mod u ma kien hemm ebda raġuni valida għala wieħed jieħu battikata biex iċaqalqu minn fejn kien. Lil Brian Galea ma qallux li xi ħadd kien tah xi ordni biex jagħmel dan. Apparti dan, l-appellant kellu aċċess għall-bitħa fejn kien hemm *gate* imsakkra li tagħti għall-imħażen. Tassew li ċ-ċavetta tal-*gate* li twassal għall-i*stores* kienet fil-pussess tad-direttur biss, imma l-appellant kien bniedem fdat u matul il-ħin tax-xogħol kien ikollu dawn iċ-ċwievet fil-pussess tiegħu. Irid jiġi kkunsidrat ukoll li l-appellant kellu r-responsabilita' tal-*istock* tal-*fillet* u allura jekk kien hemm xi ħaġa nieqsa minnu – speċjalment fil-volum imsemmi – kellu jinduna.

- Ir-ritratti (Dok. "AB 2 – 6") ittieħdu waqt li kienu qed jitwaħħlu l-kameras tas-sigurta'. Ma kien hemm ebda raġuni għala l-appellant mar fuq il-post wara l-ħin tax-xogħol. Saħansitra waħda mit-tfajliet, Noella Xuereb, kienet xogħol dak il-ħin u ppruvat dan kollu permezz ta' preżentazzjoni tad-dokument bir-*roster*. Barra minn hekk il-"ħarba" tiegħu minn fuq il-post tkompli tikkorrobora li hu kellu parti fis-serqa.

- Ma ngħatat l-ebda raġuni valida għala l-appellant allura imputat kien preżenti f'dak il-post ħin sew wara li kien spiċċa x-xogħol. Apparti minn dan, ma kien ċempel xejn lil Joey meta impjegat li għandu l-interessi tas-sidien li minn għandhom qed jaqla' l-għixien għandu awtomatikament jgħarrafhom b'dak li qed jiġri. U mhux jerġa' jmur jiġri fl-istess post kważi sagħtejn wara kif jirriżulta mill-ħin fuq ir-ritratti.

- Prova oħra indizzjarja hija dik li sar *stocktaking* fuq il-*fillet* u nstabu d-diskrepanzi li jirriżultaw mid-dokumenti eżebiti. Kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (*a fol.* 333): *"Fil-fatt minn kalkoli li saru minn Tarcisio Piscopo irriżulta li kien hemm nieqes madwar elf tliet mija u ħamsin kilo ta' fillet li valur tagħhom ilaħħaq il-21845.84 Ewro u ċioè madwar Lm9000"*. Il-Qorti ma sabet ebda raġuni għala dawn il-kalkoli m'għandhiex temminhom. Hija qed tqis dan mal-kaxxi distinti tal-*fillet* li għalihom saret riferenza mix-xhieda.

Illi, mingħajr ma tikkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li x-xhieda indizzjarja msemmija ssaħħaħ il-konvinċiment morali li l-appellant wettaq ir-reat ta' serq għal-liema konvinċiment morali waslet għalih din il-Qorti.

Illi din il-Qorti mhijiex tistrieħ fuq ix-xhieda anonima li xi ġar seta' għaraf lill-appellant.

Illi din il-Qorti lanqas ma hi konvinta li xi persuna oħra setgħet kienet interessata li l-appellant jeħel b'kollox u tinnota li l-fatt li persuna tiġbed l-attenzjoni tad-diriġenti għal x'seta' ġara ma jwassalx għall-konklużjoni li dan kien għamel hekk għax kien jaqbillu.

Illi fis-sottomisssjonijiet tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-appellant jirreferi għall-kontro-eżamijiet u jiġi argumentat li dawn il-kontro-eżamijiet juru li hu ma wettaqx is-serqa. Din il-Qorti tinnota li hija qrat dawn il-kontro-eżamijiet bir-reqqa u fliet id-dettalji tagħhom. Minkejja dan, dawn il-kontro-eżamijiet bl-ebda mod ma jeliminaw dak li jirriżulta mill-provi indizzjarji msemmija aktar 'il fuq.

Illi lanqas ma hemm dubju dwar l-ammont fil-valur li nsteraq. Għandu jingħad li dan kien ikkalkulat fuq kemm kien inxtara, kemm inbiegħ u kemm fadal. Fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jagħmel emfażi permezz ta' ittri kbar li m'hemmx prova li huwa kien responsabbli għall-ammont kollu. Minkejja dan, ma

hemmx dubju li jirriżulta li kien l-appellant li wettaq is-serqa li saret fil-jum indikat jew f'aktar minn darba kif hemm stipulat fiċ-ċitazzjoni u li għalhekk huwa għandu jirrispondi għall-ammont misruq kif jirriżulta mill-provi. Dan is-serq sar kollu mill-istess soċjeta' in kwistjoni. Lanqas hemm xi dubju dwar l-aggravju tal-persuna għaliex l-appellant kien impjegat proprju mas-soċjeta' fejn saret is-serqa.

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jissottometti li din il-piena hija waħda eċċessiva. Jisħaq li ladarba qatt ma seta' jirriżulta l-aggravju tal-valur allura l-piena għandha tkun ridotta.

Illi meħud in konsiderazzjoni li t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant ġew miċħuda b'din is-sentenza u meħud in konsiderazzjoni wkoll li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-liġi u ma jirriżultax li kienet waħda eċċessiva, b'hekk anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Adrian Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini msemmija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru mil-lum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |